MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 869/2002/1

**AIC Francis Montesin u AIC
Anthony Scerri**

**Vs**

**Adrian Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sitta u erbghin lira Maltija (Lm46) bhala drittijiet professjonali dovuti lilhom ghall-prestazzjonijiet taghhom in konnessjoni mat-thejjija ta' pjanti u applikazzjoni ghall-hrug ta' permess numru GDO 2967/00 dwar stallazzjoni ta' *dish antenna* fil-fond 6, Triq Sir Ugo Mifsud, Luqa, xoghol li gie ezegwit mill-atturi fuq inkarigu tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut [fol. 28] u li permezz taghha ddikjara li:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Ix-xoghol in kwistjoni twettaq mill-konvenut u ghalhekk m'ghandux ihallas ebda ammont lill-atturi.

3. Bla pregudizzju l-konvenut m'ghandux ihallas l-ispejjez peress li m'hemmx talba ghalihom.

Semgha x-xhieda tal-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti rilevanti ghall-kaz odjern huma s-segwenti:-

[a] Il-konvenut inkariga lill-attur l-AIC Francis Montesin sabiex japplika ghall-ghoti ta' permess ghal tqeghid ta' *dish antenna* gewwa l-fond 6, Triq Sir Ugo Mifsud, Luqa.

[b] L-attur wettaq l-inkarigu tieghu tant li l-permess inhareg.

[c] Fid-9 ta' Novembru 2000 l-attur hareg kont ghas-servizzi professjonali ghas-somma ta' erbghin lira Maltija (Lm40), pero ta skont ta' Lm15 bil-kundizzjoni li l-hlas isir fi zmien erbgha gimghat u l-kont ma jigix ikkontestat.

[d] Il-konvenut baqa' ma hallasx u ma jirrizultax li kkontesta l-kont.

[e] Fid-9 ta' Lulju 2001 l-attur rega' baghat kont ghas-somma ta' Lm28.75. Fil-kont rega' hemm indikat skont ta' Lm15 li nghata bl-istess kondizzjonijiet bhall-ewwel kont.

[f] Il-konvenut baqa' ma hallasx u ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri wara li l-konvenut gie wkoll interpellat ihallas permezz ta' ittra legali.

[g] Mix-xhieda li nghatat mill-konvenut jidher li huwa qatt ma ppretenda li ma jhallasx ghas-servizzi professjonali tal-perit Francis Montesin. Il-konvenut xehed li kien lest ihallas is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija [Lm25]. Dan ghalkemm fir-risposta jghid li ebda hlas m'huwa dovut ghaliex ix-xoghol ghamlu hu.

2. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ghamel hazin li ma hax hsieb din il-kwistjoni qabel ma bdew dawn il-proceduri fit-8 ta' April 2002, igifieri sena u nofs wara li nhareg l-ewwel kont (Dok. FM1). L-attur qatt ma tah x'jifhem li kien ser jahdem b'xejn. Inoltre, filwaqt li l-konvenut l-ewwel xehed li kontijiet ma rceviex, wara biddel il-verzjoni u qal li nghata wiehed mill-kontijiet minn huh ghaliex f'dak iz-zmien ma kienx baqa' jghix gewwa l-fond numru 6, Triq Sir Ugo Mifsud, Luqa. Madankollu jidher li l-konvenut ma hax passi biex jiddiskuti l-kont ma' l-attur, li sa dak iz-zmien jidher li kien ghadu propens li jasal f'arrangament fuq il-hlas. Jekk il-konvenut ma ghamilx l-arrangamenti mehtiega sabiex jircievi l-korrispondenza li kienet qeghda tintbaghat fl-indirizz moghti lill-attur, dan il-fatt ma jistax ikun ta' pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-attur.

3. B'riferenza ghall-hlas pretiz, igifieri s-somma ta' sitta u erbghin lira Maltija (Lm46), mill-provi ma rrizultax li l-partijiet ftehmu fuq il-hlas li kellu jsir lill-attur. Huwa veru li fir-risposta li giet prezentata mill-konvenut ma gietx sollevata eccezzjoni li l-ammont pretiz huwa ezagerat, pero mix-xhieda tal-konvenut hareg bic-cjar li qieghed jikkontesta l-*quantum*. Wiehed irid jiftakar li l-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar huma min-natura taghhom informali u l-ligi stess tipprovdi li decizjoni ghandha tkun ibbazata fuq l-ekwita. Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2003 l-attur xehed li wahda mill-konsiderazzjonijiet ghalfejn huwa ta l-iskont kien ghaliex ma marx fuq il-post u hadem esklussivament fuq l-iskizz moghti lilu mill-konvenut. It-Tribunal ma jhossx li din id-dikjarazzjoni ghandha tigi skartata u fic-cirkostanzi huwa tal-fehma li jkun iktar ekwu u gust li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu esklussiv tal-konvenut. Dan minhabba li kien l-agir tieghu li ta lok ghal dawn il-proceduri gudizzjarji li setghu gew facilment evitati bi ftit rieda tajba.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------